MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.
ANTONIO MICALLEF TRIGONA**

Seduta ta' l-20 ta' Mejju, 2003

Numru 696/2002

**Il-Pulizija
(Spettur Pierre Micallef Grimaud)**

**vs**

**Hugo Chetcuti**

**Il-Qorti,**

Rat l-akkuzi kontra l-imputat Hugo Chetcuti ta’ 36 sena, bin Francis u Wilhelmina nee’ Spiteri, imwieled Benghazi (Libya) fis-7 ta’ Marzu, 1966 u residenti 608, Villa Esmeralda Busietta Gardens, Madliena, detentur ta’ karta ta’ identita numru 104487(m) akkuzat talli:

1. fis-26 ta’ Awissu 2002 ghal habta ta’ nofs inhar, fil-bini tal-Qorti l-Belt Valletta hebb ghall-gurnalista Joseph Mifsud u kkagunalu feriti skond kif iccertifika t-tabib A.

Spiteri M.D. bi ksur tal-Artikolu 221 (1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

2. volontarjament hassar, aghmel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, u cioe’ hsara fin-nuccali tal-vista ghad-dannu ta’ Joseph Mifsud, u dan bi ksur tal-Artikolu 325(b) tal-Kapitolu 9, tal-Ligijiet ta’ Malta;

3. volontarjament kiser il-bon ordni jew il-kwiet tal-pubbliku, b’ghajjat u bil-glied, u dan bi ksur tal-Artikolu 338(dd) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

4. hebb ghall-imsemmi Joseph Mifsud sabiex jingurjah, idejjqu jew jaghmillu hsara, bi ksur tal-Artikolu 339(d) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

5. ingurja jew hedded lill-imsemmi Joseph Mifsud bi ksur tal-Artikolu 339(e) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

6. imbotta lil imsemmi Joseph Mifsud sabiex iwegggħu jew jinsulentah bi ksur tal-Artikolu 339(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali sabiex il-kawza tinstema’ sommarjament mhux opposta.

Rat li l-imputat irregistra ammissjoni f’liema ammissjoni hu insista anke waqt li l-Qorti tahtu zmien jahsibha.

Rat l-atti.

Ikkonsidrat:

Li stante l-ammissjoni volontarja u inkondizjonata tal-imputat issibu hati tal-akkuzi kontrih dedotti.

Li rigward it-tieni akkuza gie dikjarat li d-danni gew risarciti.

Rat l-artikoli 221(1), 325(b), 338(dd), 339(d)(e)(1) u 17 tal-Kap 9 u tiddeciedi li tilliberah bl-applikazzjoni tal-Artikolu 22 tal-Kap 466.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------